MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Numru. 224/2011

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Clarie L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**

**vs**

**Mouhamad Dambele**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mouhamad Dambele detentur tan-Numru moghti mill-Pulizija 08DD-015.

Akkuzat talli:

“Fil-25 ta’ Jannar 2011, u fil-jiem ta qabel f’dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu Passaport u Permess ta’ Residenza, mahrug minn awtorita` kompetenti, cioe` Passaport u Permess ta’ Residenza Taljan, mahrug f’isem Traore Issa bin-numri 060996 u 0051835, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna ohra jew ircieva dawn id-dokumenti li gew ittrasferiti lilu minn persuna ohra (Kap. 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta’ Malta);

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu mid-dokumenti, mahrug lil persuna ohra, cioe` dawk diga’ msemmija (Kap. 61, Sec. 4 tal-Ligijiet ta’ Malta);

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni (Kap. 217, Sec. 32(1c) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat id-dokumenti; u
Semghet il-provi;

Stante ammissjoni fi stadju bikri mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammssjoni wara li nghata z-zmien opportun mill-Qorti sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante l-koperazzjoni bis-shih mill-istess imputat mal-prosekuzzjoni, qeghda ssib lill-imputat Mouhamad Dambele hati tal-akkuzi kif migjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 61 u l-Artikolu 32(1c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------